MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 46/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Abigail Cauchi [K.I. Nru. 112492M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-30 ta’ Jannar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta’ elf mitejn hamsa u tletin euro u erbgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,235.84) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf, mitejn u hamsa u tletin euro u erbgha u tmenin centezmi (€1,235.84) liema ammont huwa in konessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51032772 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-8 ta’ Frar, 2012, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta’ April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ April, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mitejn hamsa u tletin euro u erbgha u tmenin centezmi ta’ euro (€1,235.84), bl-imghax minn meta l-ammont kien dovut.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------